Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SEBGHA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| POST | SALA TAL-KUNSILL | | | |
|---|---|---|---|---|
| DATA | 1 ta' Lulju 2010 | | | |
| HIN | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Agent-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Adrian Coleiro ressaq ilment fuq ittra li ntbaghtet fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jitnehhew l-iskips tas-separar. Hu qal li karozzi qed jieqfu quddiem l-ghalqa u sar perikoluz biex tohrog minn Dahlet l-Istrigitur kif ukoll biex issuq. Ga hemm problema ta' karozzi pparkjati bl-addocc ahseb u ara kemm hi iktar diffikultuza b'karozzi fin-nofs sakemm dawn jitfghu l-iskart separat. Is-Sinjur kompla billi qal li kienet inizjattiva tajba imma l-istorbju li qed jiggenera l-iskip tal-hgieg huwa insopportabbli iktar issa fis-Sajf bit-twieqi miftuhin. Hu qal li dawn huma ftit metri boghod min-nies u bir-rispett kollu ma jistax il-Kunsill jaqbad u jara ghalqa/spazju vojt u jghid ha nitfa' sett hemm b'nuqqas ta' rispett lejn min jidhol biex jorqod kmieni etc. Il-Kunsill ha jiddiskuti dan l-item iktar 'l quddiem.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati.

2. **KORRISPONDENZA**
   - 🗁 Is-Sur Ralph Cassar talab li tintbghat ittra lis-sidien ta' El Panadero sabiex jigi mharrek Exquisito minhabba li ta' kull nhar ta' Tlieta qed jinhareg skart domestiku meta jingabar skart riciklat biss. Is-Sur Cassar talab sabiex insaqqsu d-Dipartiment nistghux inzommu l-flus lill-istabbilimenti kummercjali sabiex jingabrilhom l-iskart kumercjali. Is-Sur Alfred Zammit qal li waqt laqgha li kien attenda ghaliha hu l-Onorevoli Chris Said qal li l-Kunsilli jistghu jitolbu flus ghall-iskart tal-hwienet sabiex dan jingabar.
   - 🗁 WSC Agreement. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi kkonfermat mal-WSC l-ammonti dovuti u dan l-*agreement* ha jigi ffirmat dalwaqt sabiex dawk il-Kunsill li kkonfermaw l-ammonti jircievu l-ewwel pagamenti tard din is-sena. Kif kienu qed jissemmew it-trinek is-Sur Pace qal li t-trinka ta' Triq il-Mosta ghadha ma gietx *re-instated* sewwa u ghalhekk il-kuntrattur ghandu jigi ammonit. Ma' dan is-Segretarju Ezekuttiv zieded li ghandu jintalab, dejjem jekk japprova l-Kunsill, depozitu lill-Kuntratturi ta' binjiet skond il-qies tal-bankina li tkun tkissret. Is-Sur Cordina ssuggerixxa li jintalab hlas bir-rata skond it-tender tal-bankini u min issa jinzamm depozitu u jinghata lura biss jekk issir jew tithalla l-bankina fl-istat originali li kienet. Il-Kunsill qabel.
   - 🗁 Ittra minghand Helen D'Amato rigward iz-zebra tal-qsim fi Triq Hal-Warda. Is-Segretarju Ezekuttiv resqet ghall-approvazzjoni set ta' *LED zebra lights* li jistghu jigu nstallati f'din it-triq

minhabba l-periklu wara l-incident li sehh ftit ilu u li fih kienu nvoluti zewg tfajliet ta' hdax-il sena. Is-Sur Pace ma qabilx li dawn isiru ghax skond hu dawn jiccaraw u huma gholjin b'€500–il bicca. Is-Segretarju qalet li dawn huma LED u ghadhom 10 snin *maintenance free*. Is-Sur Pace qal ukoll li biex jigu nstallati trid titqatta' triq u hu ma kienx tal-parir li dan ghandu jsir. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret biss li galadarba hemm kwistjoni fuq din iz-zebra skond TM kull zebra trid tkun mghammra b'dwal skond il-provedimenti tar-regolamenti hemm imnizzla. Il-Kunsill ma hax decizjoni fuq dan l-item u ha jerga' jigi ri-diskuss.

🗁 Kopja ta' ittra minghand s-Sur Karl Borg rigward proposta ta' no entry fi Triq A. Durer ma' Triq il-Mosta billi jitmexxew dawk li hemm prezentament iktar 'il gewwa ghall-iktar 'il barra.

🗁 Proposta ta' sponsorship sabiex isir programm ta' volleyball li jibda das-Sajf. Il-Kunsill ma laqax din il-proposta minhabba li diga' hemm hafna spejjes involuti mal-preparazzjoni ta' Lejl ghat-Tard.

🗁 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill ghalkemm tard ha jipprova japplika ghall-EKO FESTA ghalkemm tard minhabba li kien ghadu mhux deciz ezattament x'sa jsir din is-sena.

🗁 E-mail minghand Gordon Pace rigward night shelters ghall-anzjani li jkunu jghixu wahidhom u li min ghandu post imdaqqas ikun jista' joffri akkomodazzjoni ghall-lejl biss sabiex dawn ma jorqdux wahidhom. L-ewwel night shelter gie miftuh fil-Kunvent tas-Sorijiet ta' Gesu' fi Triq San Girgor iz-Zejtun. Kulhadd hu mistieden jattendi.

**3. LAQGHA SASG – *STRAY ANIMAL SUPPORT GROUP* – GNIEN L-ISTAZZJON**

Is-Sur Cordina qal li s-Sinjura Attard li kienet prezenti ghall-laqgha mal-SASG u li kienet prezenti ghall-laqgha li fil-fatt gie suggerit Wied Irmiedi. Is-Sur Cassar ma qabilx pero' habba s-sigar mizrugha fil-wied li ghadhom zghar u li tista' ssirilhom hsara. Hu ssuggerixxa hdejn il-Car Park ta' Mount Carmel u ghalhekk ghandha tintbaghat ittra d-Dipartiment ta' l-Artijiet u galadarba kulhadd qabel li dawn jigu *relocated* nistennew il-laqgha li jmiss li forsi tasal risposta mid-Dipartiment ghal *relocation.*

**4. *PARKING M4 SHOPPING COMPLEX***

Is-Sur Pace qal li s-Sur Tonio Ciantar talab li skond kif kien gie mwieghed meta sar dan il-parkegg isiru metres. Hu talab li fuq rikjesta tieghu dan il-parkegg isir Timed Parking Zone. Il-Kunsill qabel li l-area isir timed u s-Sur Pace issuggerixxa li isir timed ghal sittin minuta.Is-Sur Cordina zied li din ghandha tkun mid-9am sas-7pm.

**5. KORSIJIET**

Apparti l-korsijiet tal-kompjuter is-Sur Pace issuggerixxa li jsiru korsijiet ta' First Aid u Fire Fighting. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju staqsiet fejn se jsiru u s-Sur Pace qal li dawn ghandhom isiru l-iskola. Qal ukoll li ghandna ngibu tlett kwotazzjonijiet minghand il-Protezzjoni Civili, St. John's Ambulance Brigade u Fire Tech. Kulhadd qabel.

**6. PANNELLI SOLARI**

Is-Segretarju Ezekuttiv kienet iccirkulat e-mail fuq inizjattivi dwar l-ambjent rigward skema ta' energija alternattiva rigward pannelli solari fotovoltajici. Is-Sur Pace issuggerixxa li jsiru applikazzjonijiet ghall-Gnien il-Kunsill fuq il-bejt ta' l-iscouts u jibbenefikaw l-iscouts ukoll, fuq il-bejt tal-Knisja ghall-beneficcju tal-Knisja u Pjazza Tumas Dingli u Gnien l-Istazzjon fuq il-latrini. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandha ticcekkja jekk tistax tinbidel l-applikazzjoni minhabba li din ilha li harget minn Frar

**7. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**

Approvati.

**8. BARRIERA *UPDATE***

Is-Sur Cassar qal li saret laqgha nhar il-Gimgha, 18 ta' Gunju 2010, u qal li prezenti kien hawn sid il-barriera wkoll. Saret prezentazzjoni bi projector u sid il-barriera qal li qed jistenna

permess sabiex imexxi l-impjant u jibda johrog minn Haz-Zebbug u li dak kollu li qed jigi mitlub mill-MEPA hu qed jissottometti kif mitlub. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi baghtet l-ittra datata 21 ta' Mejju, skond kif mitlub fil-laqgha ta' qabel, indirizzata lill-MEPA li fiha jinghad li d-diskussjonijiet mas-Sid fallew, kif ukoll li hemm zewg laqghat ghal min irid jattendi nhar it-Tnejn, 5 ta' Lulju fid-9am l-Kunsill fuq il-Pjan Lokali u nhar il-Hamis, 8 ta' Lulju fis-1pm l-MEPA fuq regolamenti godda tal-barrieri.

## 9. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Norbert Pace ressaq dan il-punti:

- Diskussjoni fuq il-bring-in site ta' Triq Kananea. Il-Kunsill qabel li dawn jiccaqalqu ghall-ispazju vojt li hemm quddiem l-iscotts. Is-Sur Cassar ma qabilx u Greenpak ha jigu mistoqsija jekk jistghux isiru Sound Proof.
- Qal li ircieva nvit minn Milan ghall-Premju Fenice Ewropa ghal Settembru li gej.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Tinkines Triq l-Imdina.
- Rega' fakkar fuq bozza gdida fi Triq il-Hatab. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet sabiex jindika l-ahjar post fejn din issir. Is-Sur Bonnici qal li ha jghidilha fejn ghandha ssir.

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dan il-punti:

- Talab li titnehha r-*Reserved Parking Bay* li hemm fi Triq l-Imdina issa li min kien jaghmel uzu minnha gie nieqes.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Jitnaddaf Gnien il-Palma u jsir upgrade ta' l-istess gnien.
- Fakkar fuq il-Wifi.
- Fakkar fuq it-tisqija.
- Gardina tal-Gibjuni hemm hafna knaten maqlughin sabiex titkahhal wahda sewwa.
- Titranga l-Community Board fi Triq l-Ghenba. Din jekk ticcaqlaq jinqatghu is-saqajn u trid issir mill-gdid.
- Jinzerghu xi ftit *hibiscus* ghax-xitwa li gejja fi Gnien Misrah Kola.

Is-Sur Alfred Zammit:

- Talab li jsiru zewg stop signs fi Triq is-Sienja ma' Triq il-Faqqiegh u Triq il-Kappar.

## 10. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghat-Tlieta, 3 ta' Awissu 2010.

_________________________ Sindku

_________________________ Data